# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, it-28 ta' Settembru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 2/2020 CL

**Sullivan Shipping Agencies Ltd (C2923)**

**VERSUS**

**Valletta Freight Services (Shipping) Ltd (C20446)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-9 ta' Jannar, 2020 fejn s-socjeta attrici talbet lit-Tribunal jordna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf mitejn u wiehed u ghoxrin euro u tletin centezmu (€1221.30) rapprezentanti servizzi rezi fuq istruzzjonijiet tas-socjeta konvenuta dovuti ai termini tal-fattura annessa u mmarkata Dok A. Bl-ispejjes inkluz tal-mandat kawtaletorju kontestwalent ipprezentat mal-proceduri odjerni, flimkien mal-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta li permess taghha, ecepiet illi ma tezisti ebda socjeta bl-isem Valletta Freight Services Shipment Ltd jew Valletta Freight Shipment Ltd u kif ukoll in-numru ta' registrazzjoni tal-istess socjeta. It-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda bhala totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjes. Eccepiet fl-ewwel lok in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta, kif kien ser jirizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Fit-tieni lok is-socjeta attrici ma indikatx b'mod xieraq in-negozju involut bejn il-partijiet b'mod illi s-socjeta konvenuta tku tista' tirribatti b'mod xieraq ghal-pretensjonijiet tas-socjeta attrici u ghalhekk kienet qieghda tirriserva li tirribatti dawk il-pretensjonijiet fi stadju ulterjuti jekk jkun il-kaz. Illi ma jirrizulta ebda dokument anness jew fatttura mal-avviz tat-talba u ghalhekk ser tirriserva li tirribatti fi stadju ulterjuri jekk jkun il-kaz. Is-socjeta konvenuta qatt ma talbet u lanqas irceviet ebda servizzi mis-socjeta attrici u ghan-negozju li s-socjeta konvenuta tista' tassumi li huwa rilevanti. Is-socjeta konvenuta hija se mai debitrici ta' terz li ghalih ma jidhirx li qieghda tagixxi s-socjeta attrici. Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Fit-2 ta' Lulju 2020, is-socjeta attrici talbet korrezzjoni fl-isem tas-socjeta konvenuta u sabiex jizdiedu n-numru tar-registrazzjoni taz-zewg socjetijiet, is-socjeta konvenuta ma oggezzjonatx u t-Tribunal laqgha it-talba. Is-socjeta konvenuta ipprezentat *statement of accounts* li kellha tigi annessa mat-talba bhala Dok A, u ghalhekk is-socjeta konvenuta talbet li jkollha l-opportunita tipprezenta risposta ulterjuri, liema talba ma gietx opposta. Fir-risposta ulterjuri is-socjeta konvenuta eccepiet illi r-rendikont u fatturi migjuba qatt ma gew accettati mis-socjeta konvenuta u qatt ma gew kommissjonati servizzi rilevanti ghalihom. Illi l-korrispondenza indikata mis-socjeta attrici intbghatu f'indirizzi elettronici skoretti, hziena u inezistenti u qatt ma intuzat mezz ta' kommunikazzjoni b'mod korrettt mas-socjeta konvenuta. Ziedet tghid illi id-dokumenti ezebiti ma jwassalx ghal-prova tal-pretensjoni tas-socjeta attrici u kienet qieghda tirriserva tressaq xhieda inkluz impjegati u ufficjali taz-zewg socjetajiet u ta' terzi li setghu prestaw servizzi maqbula bejn il-partijiet.

Fit-23 ta' Novembru 2020 xehed Matthew Ellul Soler, wiehed mid-diretturi tas-socjeta attrici kif ukoll Direttur tal-Finance u Development, li kienu ilhom jahdmu mas-socjeta konvenuta ghal diversi snin u qatt ma kellhom problemi fil-passat. Il-containers kienu ta' Valletta Freight u jkollhom arrangament mas-shipping line taghhom li jgibuhom Malta jew jehduhom xi mkien u huma jkunu risponsabbli tal-containers fuq il-vapuri u tal-handling taghhhom u ghalhekk jiccargjaw *handling fees* maghrufin bhala SDP jew *local charge*. Meta l-containers jaslu Malta jdahlu l-informazzjoni fis-sistema u johorgu *release document* li biha johorgu l-container mill-freeport. Dan ir-*relase document* johrog biss wara jkunu ghamlu l-verifiki taghhom li l-kondizzjonijiet kollha gew indirizatti skond il-*bill of lading* u minghajru ma jistax jinhareg il-container. Dawn huma *handling charges* li jkun hemm tal-container tal-principal meta huma jmorru fuq vapuri taghhom u vici versa meta l-containers jkunu fuq vapuri taghhom huma jiccargjawhom tal-containers. Qattt ma kkontestaw dawn il-kalkoli izda dak iz-zmien is-servizz li kellhom inbidel u din kienet l-ahhar li tat servizz tal-principal express u tilfu l-kuntratt mal-freeport u ma gewx aktar Malta. Hu ma kellux kuntatt direttament ma' persuni minn Valletta Freight, izda l-accounts manager, sales department u container control departments kellu hafna kuntatt. Gie ipprezentat affidavit ta' Christian Ellul Sullivan li huwa Sales Director flimkien ma' dokumenti fis-27 ta' Jannar 2021. Hu spjega illi Sullivan Shipping Agencies Ltd huma l-agenti ghal X-press Feeders li hija kumanija li titrasporta containers. Meta Valletta Freight Services Shipping Ltd jircievi container fuq wiehed mill-vapuri ta' X-Press Feeders, huma jibghatu l-lista lil Malta Freeport u jipprocessaw d-dokumenti biex dawn jigu jiralaxxati. L-invoices pendenti huma propju relatati sabiex dawn il-containers gew rilaxxati, li jinkludu SDP charge (*service, documentation and processing charge*) li huwa l-hlas ghal rilaxx tal-containers mill Malta Freeport. Minghajr l-intervent tas-socjeta attrici il-containers qatt ma kienu jistghu jigu rilaxxati. Hu kompla jghid illi ma jistax jifhem kif s-socjeta konvenuta qalet illi ma kienux jafu b'dawn il-pendenzi, ghax bhala fatt hu kien ikkomunika dwarhom direttament ma' David Debono u Stephen Jones u intbghatet ukoll ittra legali qabel ma infethet il-kawza u kien hemm numru ta' containers li gew rilaxxati. Ftit xhur qabel ma inhargu dawn il-fattura kellhom diskuzzjoni mas-socjeta konvenuta ghax ma kienux thalsu SDP charges u kienu qeghdin jikkontestawhom izda huma qalu li ma kienux f'pozzizjoni li jnaqsu l-fees taghhom u huma kienu ser jmorru ghand kumpanija ohra imma m'ghamlux hekk.

Fit-3 ta' Mejju 2021, xehed Matthew Ellul Sullivan in kontro ezami, illi huma l-agenti tal-vapur X-Press services, huwa l-principal taghhom li ghaddielhom x-xoghol u huma kienu risponsabbli biex jaghbu u jhottu l-containers u l-merkanzija tal-importatur jew l-esportatur li tohrog mill-freeport. Ikkonferma li s-socjeta konvenuta thallas il-proncipal ghal garr tal-merkanzija u meta jidhlu huma jkun hemm charges biex jinhareg il-container mill-freeport li finalment jithalsu mill-klijent Malta. Xehed David Debono li huwa credit controller ma' Valletta Freight Shipping Ltd, li jigbor il-flus dovuti lil kumpanija izda ma japprovax pagamenti. Huma kienu jaghmlu xoghol ta' barter ta' servizzi ghax huma kienu jgibu x-xoghol maghhom u vici versa u ma kienux jipprocessaw pagamenti. Hu jiftakar li kellu jirkupra €3000 minghand Sullivan u kellhom jaghtu €1200 u jpartu l-istatements u fl-ahhar tax-xahar jaghmlu tpaccija tac-cekkijiet. Hu ma kienx jivverifika li l-pagamenti mitluba huma dovuti. Kien hemm persuna ohra, Diane Baldacchino li kienet tiehu hsieb il-pagamenti u hu kien jkun inkluz fl-email biss.

Fit-3 ta' Gunju 2021, xehed Christian Ellul Sullivan in kontro ezami, li kienu ilhom jahdmu ma' Valletta Freight mill-2008 meta Valletta Freight kienu jirraprezentaw UASE u huma kienu jirraprezentaw lil Hangen Express Feeder li kienet iggorr il-containers taz-zewg linji bejn Malta u postijiet ohra. *Documentation charges* jridu jithalsu biex jigu rilaxxati l-containers. Hu kellu kuntatt inizjalment ma' Victor Vella u wara ma' Stephen Jones u wara David Debono meta kellhom din il-kwistjoni. Il-vessel agent jaghmel id-dokumenti tal-vapur shih, jekk jkun hemm containers ta' haddiehor jdur id-dokumenti fuqhom ukoll u jghaduhom lil freeport u jkun hemm charges. Qabel dawn ic-charges dejjem thalsu u ma setghex jifhem ghalfejn issa ma riedux jhallsuhom. X-Press feeders kien il-principal taghhom. Mistoqsi dwar jekk kienx hemm tibdil fil-procedura mill-freeport hu wiegeb li kienu ghollew ic-charges imma ic-charge ta' bejn l-agenti kellhom jkunu l-istess. Jekk kien hemm xi tibdil kien fil-process tal-freeport biex johrog container, imma l-process biex jigi rilaxxat ix-xoghol kellu jsir u qatt ma kien hemm xi ftehiem li dawn ic-charges kienu ser jitwaqfu. Ansi illum dawn ic-charges bejn l-operaturi gholllew u fil-fatt il charges taghhom kienu zghar ghax kien operatur zghir meta tqabbilhom mac-charges tal-operaturi kbar. Hu kien ghamel *side agreement* ma' Victor minhabba fir-relazzjoni tajba ta' bejniethom kien baxxielu l-prezz imma qatt ma kien qallu li l-agreement ma kienx ghadu validu. Is-servizz taghhom mbaghad waqaf u beda jahdem ma haddiehor u ma kellux bzonnu izjed u ghalhekk qatt ma thalsu. Is-socjeta konvenuta bdiet tikkontesta l-valur meta intalbet thallas bl-avukat ghax qabel qatt ma qalu li ma riedux jhallsu ghax kieku kien jipprova jiddiskuti maghhom. Huma baqghu joffru l-istess servizz li kienu jofru fil-bidu tar-relazzjoni maghhom. Il-procedura tal-freeport inbidelt imma s-servizz xorta kien jinghata. Hu qal illi la inbidel is-servizz l-arrangament kellha taqa' izda l-hlas ma inbidilx anke sal-lum ghax ix-xoghol internament xorta jsir. Meta jkollok vapur bil-containers trid tavza l-freeport permess ta' lista, liema containers huma ghal-Malta, u liema containers ser jibqghu sejrin xi mkien iehor. Hadd ma kellu d-dicenza jghid li ma kienx qieghed jaqbel mal-kontijiet. Qatt ma kien hemm ftehiem verbali jew bil-miktub gdid. Kien hemm ftehiem bejn l-agenti li jiccargjaw €30 u €60 skond it-tul tal-container lil xulxin, u huma jiccargja l-klijent €160 u €260 biex jibqalhom profit. L-ammont li kienu qeghdin jitolbu kienu ghal containers differenti f'granet differenti. B'referenza ghad-dokument a foll. 28 hu spjega illi dan kien jirigwarda container ta' 20 pied li kien gie minn Ravenna fuq il-vapur Express Channel li huma kienu jirraprezentaw, fejn huma kellhom jiddikjaraw mal-freeport u jiddikjarawh bhala lokali. Ic-charges taghhom huma €30 u hu jiccargja l-

klijent tieghu SDP charge ta' €150 jew €160 u ghalhekk jaqla' l-flus, izda ma riedx jhallsu tal-parti tieghu.

Fit-2 ta' Lulju 2021, gie ipprezentat affidavit ta' Brendon Zammit li kien jokkupa l-kariga ta' Operations Executive ma' Valletta Freight Services Shipping Ltd ghal diversi snin u kien risponsabbli ghal vjegg tal-containers u kien jitratta direttament mal-kumpanija estera dwar it-trasport marittimu lejn Malta. Hu qatt ma kellu kuntatt ma' Sullivan Shipping Agencies Ltd dwar xi vjeggi tal-containers ghax hu dejjem kellu kuntatt mal-kumpanija estera X press Feeders li hadet hsieb it-traspost lejn Malta u mal-freeport. L-operazzjoni dwar il-vjegg tiehu hsiebha interament Freeport u huma jhalsu l-Freeport direttament. Ir-relazzjoni operattiva taghhom hija ma' Xpress Feeders, li jigu l-principal ta' Sullivan Shipping Agencies Ltd u huma jhalsuhom direttament. Hu qatt ma kellu kuntatt ma' Sullivan ghas-servizzi fl-2019. Hu kien jiehu hsieb l-aspett operattiv, kien hemm persuni ohra li kienu jiehdu hsieb il-finanzi. Biex jiehdu xi servizz kellhom bzonn l-awtorizazzjoni tad-direttur David Jones u ma kienux talbu din l-awtorizazzjoni u ghalhekk qatt ma inghatat. Hu qatt ma ircieva korrispondenza minghand s-socjeta attrici dwar xi servizzi ghax l-email tieghu kien skorett, peress illi ma kienx jispicca bl-ittri my imma mt u lanqas biex hadu l-containers ghax il-freeport kien ha hsieb kollox direttament.

Fis-7 ta' Lulju 2021 xehed Victor Vella li kien ilu tlettin sena Commercial Manager mal Valletta Freight u qatt ma kellu ebda involviment fuq din il-problema jew fuq din l-issue tan-negozju. Elaine Pace kienet part time office clerk mal-istess kumpanija. Ma kienx qieghed jghid illi ma kellhomx realzzjoni ta' xoghol imma qatt ma kellu diskuzzjoni jew trattazzjoni ma' hadd minn Sullivan fuq l-invoices tal-kawza u rari tkellem maghhom. Sa fejn jaf hu lanqas relazzzjoni fuq ix-xoghol ma kien hemm bejniethom u ma kien jaf xejn dwar tpacija ta' invoices. Insista li bhala Victor Vella, commercial manager, qatt ma kellu rapprezentazzjoni ma' Sullivan Shipping hlief xi sebgha snin ilu meta kienu jgibu x-xoghol ma' Hunging Lines kien jgibu x-xoghol maghhom u huma kienu jgibu x-xoghol ghal Sullivan mal United Arab Shipping. Hu ma kellux kuntatt ma' X press Feeders ghax xogholu kien importaturi u mhux ma' third party providers bhala agenti u burdnara.

David Debono xehed illi xogholu kien ta' gbir ta' flus u gieli tkellem ma' Cedric Chircop ta' Sullivan Shipping fuq flus li kellu jigbor u vici versa fuq servizzji ta' freight u kienu jibghatu statements u korrispondenza bl-email. Hu ma kienx japprova l-pagamenti mitluba imma kien jiddiskuti ma' David Jones u Stephen Jones. B'referenza ghal e mail a foll 64 li kien bghat Cedric, ikkonferma li hu kien ikkupjat ghax kienet indirizatta lil Diane Baldacchino li kienet risponsabbli ghal krendituri tal-kumpanija, li kellha tikseb l-awtorizazzjoni ghal pagament minghand Stephen jew David Jones. Ll jiftakar hu li kien hemm xi e mail minghand Stephen Jones fejn beda jikkorispondi ma' wiehem mid-diretturi u ghalhekk f'dan l-istadju kienet f'idejn id-diretturi. Stephen Jones jara kull e mail li tohrog u li tidhol fil-kumpanija.

Fit 23 ta' Frar 2022 xehed Brandon Zammit in kontro ezami b'referenza ghal e mail datat 30 ta' Awwissu 2019 a foll 95 tal-process hu ikkonferma li dak kien l-email tieghu. B'referenza ghal e mail datat 5 ta' Settembru 2019 a foll. 62 ikkomferma li dak kien l-email tieghu ukoll.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet fl-1 ta' Gunju 2022.

Ikkunsidra;

Illi ghalkemm l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta kienet illi l-isem tas-socjeta konvenuta kienet indikata hazina, din giet indirizzata u intablet il- korrezzjoni relattiva. Din hija kwistjoni fejn is-socjeta attrici qieghda titlob il-hlas ghas-servizzi rezi sabiex containers jinhatu minn fuq il-vapuri u tigi rilaxxata l-merkanzija. Ipprezentat diversi invoices li kienu jirrigwardaw perjodu ta' bejn Marzu u Gunju 2019 kif ukoll e mails li kienu indirizzati xi tlett indirizzi eletronici. Xehdu Matthew Ellul Soler u Christian Ellul Sullivan fejn qallu li kien hemm relazzjoni bejn iz-zewg kumpaniji u l-ammont kien dovut u spjegaw x'kienu dawn ic-charges. Christian Ellul Sullivan spjega illi l-handling charges taghhom bhala agent kien ta' €30 fuq container ta' 20 pied u €60 fuq container ta' 40 pied u dan sabiex il-container jista' jinhatt u l-merkanzija tigi rilaxxata.

Ghas-socjeta konvenuta xehdu Brenden Zammit permess ta' affidavit, Victor Vella u David Debono li kollha iddikjaraw illi ma kienux jiehdu hsieb il-pagmaneti u li kienu d-diretturi Stephen Jones u David Jones li kienu japprovaw il-hlas. Brenden Zammit cahad illi qatt ircieva xi korrispondenza u l-email kien indikat hazin ghalkemm meta fil-kontro ezami, gie muri zewg e mails partikolari, hu ikkonferma li dawn kellhom l-indirizz eletroniku korrett. Victor Vella min-naha tieghu cahad illi qatt kellu xi negozjati ma' Sullivan Shipping fis-snin ricenti u ma kien jaf xejn dwar invoices u tpacija ghax hu kien jikkomunika mal-importaturi biss. Filwaqt illi David Debono ikkonferma illi kien ikkupjat fl-email li kienet indirizatta lil Diane Baldacchino li kienet risposabbli ghal kredituri tal-kumpanija, Hu ftakar illi kien dahal fiha Stephen Jones u ghalhekk kien qieghed jistenna direzzjoni minghadu. Minkejja li t-Tribunal ta' diversi opportunitajiet lis-socjeta konvenuta, sabiex ix-xhud David Jones jinstema' b'mod telematiku, hekk kif talbet l-istess socjeta konvenuta, ma sar ebda tentattiv sabiex dan jsehh u lanqas ma sar tentattiv sabiex jixhed xi direttur iehor.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal jqies li t-talba tas-socjeta attrici hija ggustifikata u ghalhekk jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jdiikjara li l-ammont huwa dovut u jordna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ta' elf mitejn u wiehed u ghoxrin Euro u tletin centezmu ( €1221.30). Konsegwentement jikkundanna lil socjeta konvenuta thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u wiehed u ghoxrin Euro u tletin centezmu (€1221.30), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-att,hekk kif mitlub fit-talba, sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, huma a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**